# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT

# DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

# SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' LULJU 2002

**Avviz Nru 336/02 - DM**

**M. Demajo & Company Ltd**

**vs**

**Anthony Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn mija, erba u disghin liri Maltin u ghoxrin centezmi (Lm2, 194.20) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata sitta (6) ta’ Marzu 2002, u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jirrispondi t-talba attrici. Ghaldaqstant wara li semghet bil-gurament lil Gaetano Cordina prodott mill-kumpanija attrici u rat id-dokumenti esibiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi is-somma mitluba ta’ Lm2,194.20 (elfejn mija u erbgha u disghin Liri Maltin u ghoxrin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxjiet legali b’effett mis-6 ta’ Marzu 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ 45